-

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 60

[Nhar itTnejn 18 ta' Settembru 2023]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' bil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil-5pm.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion – Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Ian Buhagiar- Kunsillier
Hugh Caruana- Kunsillier
Mario Azzopardi- Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Jessican Borg- Kunsilliera
Jeremy Cardona- Kunsillier
Alexander Calleja Zammit- Kunsillier

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **60.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| 60.1.1 | Id-D.S.E informa li l-kunsillieri J.Cardona, J.Borg u A.Cachia Zammit talbu biex ikunu skużati |
| **60.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti nru 59** |
| 60.2.1<br><br>60.2.2<br><br>60.2.3<br><br>60.2.4 | B'referenza għal punt nru. 59.7.1 il-kunsillier N.Chetcuti qal illi hu informat illi l-Community Police għandom jibdew dalwaqt iżda li se joperaw mill-kunsill tal-Imsida għalhiex l-għasa tal-Gzira se tintuża bħala arkivi.<br><br>B'referenza għal punt nru. 59.7.2 id-D.S.E qal illi għadu ma rċieva l-ebda proposti fejn għandom isiru l-kameras u jekk hemm min ta l-approvazzjoni biex jitwaħħlu fuq propjetà, kif ukoll aċċess għall-internet u elettriku.<br><br>B'referenza għal punt 59.7.9 kien hemm qbil illi terġa issir fejn kienet il-magna tal-BCRS meta tkun lesta Sliema Road.<br><br>Il-kunsillier N.Chetcuti ppropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier H.Caruana issekondaħ.<br><br>**Il-kunsillier I.Buhagiar daħal fil-17:30** |
| **60.3** | **Korrespondenza mas-Sindku** |
| 60.3.1<br><br>60.3.2<br><br>60.3.3<br><br>**60.4**<br><br>60.4.1<br><br>**60.5**<br><br>60.5.1 | Kien hemm korrispondenza mingħand Melita fejn il-kunsill approva offerta sabiex is-servizz illi tingħata mingħand Melita tkun irħas mir-rata preżenti.<br><br>Kien hemm talba biex il-Kunsill japplika għall-proġett bi fondi Ewropej, fejn il-Kunsill ikollu joħroġ persentaġġ tal-ispejjez f'każ illi l-applikazzjoni tkun approvata. Din għanda ssir flimkien ma Chania, iċ-Ċipru. Kien hemm qbil.<br><br>Kien hemm qbil illi l-Kunsill japprova xirja ta' kotba għall-ammont ta' €600 għal-librerija tal-lokalita.<br><br>**Mistoqsijiet tal-kunsilliera**<br><br>Ma kien hemm l-ebda mistoqsija<br><br>**Rapporti**<br><br>Ġew ippreżentati l-Quarter Reports [Q1 u Q2 ta' 2023]. Id-D.S.E fakkar lill-kunsilliera li dawn ma ġewx ippreżentati fil-ħin peress illi ma kien hemm l-ebda |

| | |
|---|---|
| | accountant fis-sena ta' qabel u b'hekk il-book-keeping kollu sar din is-sena. Qal illi l-Kunsill għandu jkun 'in line' sal-aħħar tas-sena.<br>Il-kunsillier H.Caruana ppropona li r-Rapporti jiġu approvati, kemm Q1 kif ukoll Q2. Il-kunsillier I.Buhagiar issekondaħ. |
| 60.6 | *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa |
| 60.6.1 | Id-D.S.E informa lill-kunsill illi se jitlaq mill-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv fil-ġimgħat illi ġejjin u b'hekk mhux se jkun jista jservi bħala D.S.E tal-Kunsill tal-Gzira. Qal illi se jkun hemm bżonn Deputat ieħor sakemm jintgħażel Segretarju Eżekuttiv ġdid. Żied illi d-DLG ħarġu s-sejħa għal-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill tal-Gżira u jista jkun illi jinstab xi ħadd qabel ma jitlaq uffiċjalment mill-kariga.<br>Is-Sindku rringrazzja lil D.S.E talli aċċetta li jerġa jokkupa l-kariga meta telqet is-S.E ta' qabel. |
| 60.6.2 | Is-Sindku qajjem punt fuq Jum il-Gżira li kella ssir f'dan il-perjodu iżda t-triq mhix lesta. Wara diskussjoni kien hemm qbil illi ssir f'Mejju, fejn kien hemm qbil unanimu. |
| 60.6.3 | Il-kunsillier M.Azzopardi qal illi fejn il-Bus Stop Kiosk hemm ħadid li għanda bżonn manutenzjoni. |
| 60.6.4 | Il-kunsillier N.Chetcuti qal hemm dlam fil-ġnien fil-passaġġ int u dieħel minn fejn hemm il-latrini. |
| 60.6.5 | Il-kunsillier N.Chetcuti qal hemm bżonn isir manutenzjoni tal-Pjazza fejn l-iskola Primarja [Turu Colombo] |
| 60.6.6 | Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi l-IM għamlu postijiet ta' parkeġġ ġewwa Sliema road, fejn meta toħroġ mill-bieb tispiċċa ġewwa l-ħamrija u ma tagħmel l-ebda sens. |
| 60.6.7 | Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi l-hoarding ta' PA/01176/21 ġewwa triq Manoel de Vilhena ma tneħħietx. |
| 60.6.8 | Id-D.S.E talab l-approvazzjoni tal-Kunsill illi l-kunsill jagħmel tajjeb għall-ispejjez għat-tindif tal-ġnien sabiex isir l-attivitajiet bejn id-29 ta' Settembru u l-1 ta' Ottubru. Dan wara li l-Cleansing qalu li s-servizz għanda tkun mħallsa. Il-Kunsill qabel illi jsir il-ħlas għal qabel l-attivita u li l-applikant jara li tibqa nadifa waqt, u wara, l-attivita. |
| 60.6.9 | Id-D.S.E qal illi bqajna mingħajr evalwattur għat-tender tal-landscaping peress illi persuna ma kienx approva li jkun parti mill-board. Żied ukoll illi dalwaqt għandom joħorġu tenders oħra, tal-knis, Bulky Refuse, Handyman u Contracts Manager.<br>Kien hemm qbil illi l-evalwaturi jkunu:<br><br>Landscaping: H.Caruana, N.Caruana u l-Viċi Sindku |

| | |
|---|---|
| | Knis: N.Chetcuti, H.Caruana u M.Azzopardi<br>Bulky Refuse: J.Borg, I.Buhagiar u N.Chetcuti<br>Handyman: Viċi Sindku, I.Buhagiar u H.Caruana<br>Contracts Manager: A.C.Zammit, I. Buhagiar u H.Caruana<br><br>Il-Viċi Sindku telaq fis-19:15 |
| **60.7** | **Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti** |
| 60.7.1 | Ma kienx hemm qbil illi titħallas l-invoice ta' FACES. Id-D.S.E qal se jikkonferma jekk l-ispiża għanda tiġi mħallsa lura mingħand l-IM. |
| 60.7.2 | Il-kunsillier N.Chetcuti ippropona li l-PAS jiġu approvati. Il-kunsillier I.Buhagiar issekondaħ |
| **60.8** | **Mozzjoni** |
| 60.8.1 | Ma kien hemm l-ebda mozzjoni. |
| **60.9** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 60.9.1 | Il-laqgha intemmet ghall-ħabta tas- 7:40pm. Is-seduta li jmiss se tkun nhar it-Tnejn 16 ta' Ottubru 2023 |

Konfermati llum 16 ta' Ottubru 2023

IFFIRMATA

Conrad Borg Manche
Sindku

IFFIRMATA

Anthony Attard
Dep. Segretarju Eżekuttiv